MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Numru. 87/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARLOS CORDINA**
**SPETTUR KYLIE BORG**

**VS**

**KEVIN CASSAR**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kevin Cassar, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 043270 (M).

**Akkuzat talli:**

F'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzonijiet tal-Ligi, maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. Talli fi 30 ta` Novembru, 2012, ghal habta tal-hamsa ta` filghaxija (05:00pm), minn Triq id-Dejqa, Valletta, ikkommetta serq ta` tlett mitt ewro (€300) fi flus kontanti, ikkwalifikat bil-valur, bil-hin u bil-lok u li sar ghad-deteriment ta` John Paul Mifsud detentur tal-Identita` 312588 (M);

2. U aktar talli fis-6 ta` Ottubru, 2012, ghal habta tas-siegha nieqes ghaxra ta` filghaxija (12:50pm) minn l-inhawi ta` Bieb il-Belt Valletta, ikkommetta serq ta` apparat elettroniku cioe` mobile, ta` marka HTC u ta` kulur iswed, liema serq jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur u bil-lok u li sar ghad-deteriment tal-minuri Kevin Magri detentur tal-Karta tal-Identita` 535895 (M);

3. U aktar talli fis-26 ta` Ottubru, 2012, ghal habta tan-nofs siegha (12:30pm), min Triq Id-Dejqa, Valletta, ikkommetta serq ta` apparat elettroniku, cioe` mobile ta` marka HTC u ta` kulur iswed, liema serq ma jeccedix l-ammont ta` mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-deteriment tal-minuri Kevin Magri detentur tal-Karta tal-Identita` numru 535895 (M);

4. Talli fit-3 ta` Ottubru, 2012, ghal habta tal-ghaxra u nofs ta` filghodu (10:30am), minn gewwa l-hanut bl-isem ta` *Harmony Snack Bar* li jinsab fi Pjazza San Kalcidonju, Furjana, ikkommetta serq ta` ghaxar (10) pakketti ta` sigaretti, ta` marka *Rothmans*, liema serq ma jeccedix l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u ghalhekk ikkwalifikat bil-lok u li sar ghad-deteriment ta` Steve Bezzina detentur tal-Karta tal-Identita` 506787 (M);

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa` ghandu, jew xtara hwejjeg misruq, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U Kevin Cassar huwa akkuzat aktar talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija fil-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija nhar it-12 ta` April, 2011, mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli, LL.D.

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbiddlu Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Rat l-Artikoli 261 (b) (c) (e) (f), 262, 267, 269 (a), 270, 334, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Semghet l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kevin Cassar mill-Prosekuzzjoni moqrija bil-gurament;

Rat il-provi prodotta;

Semghet lis-*Social Worker* Charis Boffa tirrelata dwar l-andament tal-imputat;

Rat l-Atti kollha tal-Kawza;

Rat is-sentenza moghtija fis-26 ta' Jannar, 2013 fejn l-imputat kien gie kkundannat ghal terminu ta' prigunerija effettiva ghal-perjodu t'ghaxar (10) xhur, kif wkoll estendiet il-perjodu tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti Tal-Magistrati nhar it-12 t'April, 2011 ghal perjodu iehor ta' sena (1) u cioe' minn (3) snin jitla` ghal (4) snin.

Wara li rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkonferma s-sentenza tas-26 ta' Jannar, 2013, semghet lis-*Social Worker* tirrelata dwar l-imputat, innotat li l-imputat waqt dan iz-zmien kien naqas milli jaghmel hiltu sabiex jirranga hajtu, il-Qorti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza sospiza tikkundannah ghal (4) snin prigunerija effettiva.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------